**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, il-Ħamis, tnax (12) ta' Ġunju 2025

Kawża Nru 7023/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Kurt Farrugia)***

**Vs**

**Giovanni Desira**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Giovanni Desira**, iben Annunziato u Maria Desira nee' Fenech, imwieled il-Pieta' fis-sbatax (17) ta' Jannar 1963 u residenti St. Anna, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita' numru 60763(M) talli nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2024 għall-ħabta tas-siegħa neqsin ħamsa ta' wara nofsinhar (12:55hrs), u fil-ġranet u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa 2, Casa Desira, Triq G.M. Caruana, Ħaż-Żabbar, u/jew fil-viċinanzi:

(1) mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil Josephine Desira tħallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Josephine Desira fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.[1]

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u d-Difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2023, Josephine Desira flimkien ma' bintha Jessica Desira rrapportaw fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar li fis-sbatax (17) ta' Jannar 2023, Josephine Desira rrikorriet ġewwa l-fond 2, Casa Desira, Triq G.M. Caruana, Ħaż-Żabbar, li kienet isservi bħala r-residenza matrimonjali tagħha u ta' żewġha Giovanni Desira. Josephine Desira ippruvat tidħol fir-residenza tagħha iżda sabet is-serratura tal-bieb ewlieni mblukkata.

Il-kwerelanti komplew jgħidu li dakinhar tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2023 kienu raw wkoll lill-akkużat joħroġ u jgħabbi xi għamara li kienet tinsab fir-residenza matrimonjali fuq vettura. Meta l-kwerelanti daħlu fil-fond, huma sabuh żvojtat mill-għamara li kien hemm fih.

L-akkużat ġie mitkellem mill-Pulizija dwar dan ir-rapport u stqarr li kien neħħa l-għamara sabiex jiżboħ id-dar matrimonjali u li wara li lesta dan ix-xogħol, reġa' poġġa l-affarijiet lura f'posthom.

Nhar it-tnejn (2) ta' Frar 2023, Josephine Desira għamlet kuntatt mill-ġdid mal-Pulizija u nformathom li l-għamara li hija kienet irrappurtat nieqsa kienet ġiet ritornata lura fil-fond matrimonjali. Il-kwerelanta indikat l-intenzjoni

[1] Artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

tagħha li twaqqa' r-rapport li kienet intavolat flimkien ma' Jessica Desira. Għalkemm, hija ġiet mitluba sabiex tmur fl-istess Għassa biex tiffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens, Josephine Desira baqgħet ma marritx. Anzi insistiet mal-Pulizija biex jieħdu passi kriminali fil-konfront tal-akkużat b'rabta mal-istess każ.

L-akkużat reġa' ġie mitkellem mill-ġdid mill-Pulizija dwar dan ir-rapport. Dan wara li ingħata d-drittijiet legali tiegħu, inkluż id-dritt tas-silenzju u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu. Wara li kkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, l-akkużat għażel li jipprevalixxi ruħu mid-dritt tas-silenzju. Huwa ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu.

Ikkunsidrat:

In linea preliminari, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax l-pika eżaġerata li hemm bejn il-partijiet f'dan il-każ. Il-familja spiċċat inqasmet f'żewġ fazzjonijiet bit-tfal wkoll jieħdu posizzjoni ma' xi ħadd mill-ġenituri u kull parti tara kif se tattakka l-parti l-oħra b'rapporti u kawżi. Din mhix l-ewwel kawża bejn l-istess partijiet li din il-Qorti kif preseduta qed tintalab li tiddeċiedi u għalhekk hija ben konxja ta' din il-pika u l-animosita eżaġerata li teżisti bejn il-partijiet u li hija turija ċara ta' nuqqas serju ta' maturita taż-żewġ partijiet u uliedhom li mhumiex kapaċi li joqogħdu fuq mejda u jaslu biex jagħlqu l-pendenzi ta' bejniethom biex kull ħadd jgħix ħajtu. Il-Qorti tqis wkoll li fl-essenza tagħhom il-kwistjonijiet li hemm bejn dawn il-partijiet huma purament ta' natura ċivili pero għal xi raġuni jew oħra dawn il-partijiet qegħdin jippersistu li jressqu kwistjonijiet li huma purament ta' natura ċivili quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali bħal li kieku din il-Qorti tista' tinoltra ruħha u tiddeċiedi kwistjonijiet ta' natura ċivili bejn il-partijiet.

Il-Qorti f'din l-aħħar sena li ilha tisma' dawn il-kawżi setgħet tinnota kif donnha saret moda li partijiet li jkunu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni bejniethom (speċjalment jekk dawn jkunu proċeduri missielta fejn kull parti tkun trid il-*pound of flesh* tagħha) jippruvaw jdawru kwistjonijiet ta' natura ċivili fi kwistjonijiet penali meta dan ma jkunx il-każ. Il-Qorti tifhem li dan isir fi sforz sabiex il-partijiet jippruvaw jieħdu r-raġun

mingħajr ma joqogħdu jidħlu fi spejjeż legali konsiderevoli biex jagħmlu l-proċeduri ċivili u joqogħdu jistennew li l-proċeduri ċivili jieħdu l-kamin propju tagħhom.  Dan qed iwassal għall-pressjoni żejda fuq il-Qrati Kriminali meta l-istess Qrati ġia huma mgħobbija b'kazijiet aktar serji u li huma esklussivament ta' natura penali u li l-Qrati huma imsejħin sabiex jagħtuhom importanza u jmexxuhom fit-termini stabbilit mil-liġi.

B'mod ġenerali, din il-Qorti tinnota wkoll li dak li qiegħed jiġri huwa li ma' kull rapport li jsir ta' *raggion fattasi*, il-Pulizija qegħdin jaqbdu u joħorġu l-akkużi taħt l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 mingħajr ma jiġi investigat jekk tabilħaqq f'dak il-każ partikolari jkunx hemm indikazzjonijiet ċari li seta' verament twettaq dan ir-reat partikolari.  Li kieku issir din il-verifika fil-fażi ta' investigazzjoni, din il-Qorti hija konvinta li ħafna mill-kawżi ma jispiċċawx quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali għax x'ħin tagħsar il-materja involuta tkun waħda purament ta' indoli ċivili u xejn aktar.

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra issa tiffoka fuq il-każ li għandha quddiemha.

Il-Qorti sejra tibda biex qabel xejn tissenjala fatt li fil-fehma tagħha huwa fatali għall-proċeduri odjerni.  Minn eżami taċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-akkużat qiegħda jiġi akkużat b'reat speċifiku li seħħ **fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2024 għall-ħabta tas-siegħa neqsin ħamsa ta' wara nofsinhar (12:55hrs), u fil-ġranet u l-ħinijiet ta' qabel**. (Enfażi tal-Qorti).  Il-Prosekuzzjoni għalhekk għażlet li tintrabat esklussivament ma' data partikolari u l-ġranet u l-ħinijiet li jippreċedu tali data.  Madanakollu kemm ix-xhieda tal-parte civile u bintha Jessica Desira kif wkoll l-affidavit ta' PC 1169 Owen Sammut li ħa r-rapport oriġinali relattiv għal dan il-każ jindikaw li l-aċċess għar-residenza kien ostakolat fis-sbatax (17) ta' Jannar 2023 u li l-istess għamara kienet qed titneħħa fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2023.  Iċ-ċitazzjoni kif formulata tista' *se mai* tinkludi azzjonijiet li seħħew fil-ġranet preċedenti għal dik id-data iżda żgur li ma tistax tiġi imġebbda biex tinkludi affarijiet li saru aktar minn sena qabel id-data tal-akkuża.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano**[2] fejn indikat li t-terminu 'ġranet qabel' jirreferi għall-perjodu ta' seba' t'ijiem rikonduċibbli b'lura mid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni, meta l-kliem utilizzat ikun jaqra 'fid-data (partikolari) u fil-ġranet ta' qabel':

> *"16. Issa, l-Avukat Ġenerali jsostni li l-Prosekuzzjoni ġabet provi skjaċċanti li juru mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-appellat ma kellu l-ebda permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jarmi terrapien fil-baħar. Qabel xejn, pero`,* ***irid jiġi stabbilit jekk saritx prova li ntrema terrapien "fis-17 ta' Awwissu 2006 u fil-ġranet ta' qabel din id-data", kif jinsab akkużat l-appellat. Jiġi stabbilit illi l-kliem "fil-ġranet ta' qabel" ċertament jirrestrinġi l-perijodu għal mhux aktar minn ġimgħa.*** *F'dar-rigward qed issir referenza għax-xhieda tal-prosekuzzjoni..."*

Din il-Qorti tirrileva li d-data tal-akkuża hija element importanti li jrid jiġi ppruvat. Kien hemm istannzi fejn minħabba żball fid-data taċ-ċitazzjoni, l-Qrati tagħna illiberaw anke f'każijiet fejn kien hemm ammissjoni tal-akkużat.[3] L-importanza tal-korrettezza tad-data meta din hija indikata b'mod speċifiku fl-akkuża ġiet trattata b'mod dettaljat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kurt Falzon**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Settembru 2021. Inzerta li dan il-każ wkoll kien jikkonċerna r-reat ta' ragion fattasi. F'dik is-sentenza, il-Qorti wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza relevanti matul is-snin u daħlet fil-kwistjoni tal-insenjamenti dwar iċ-ċitazzjoni bħala *avviso di comparire*, xorta waħda lliberat lill-appellanti minħabba żball fid-data:

> *"36. Is-sitwazzjoni fil-każ odjern hija tali li l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellat li wettaq reat f'data u ħin partikolari u l-provi prodotti wrew li huwa wettaq ir-reat f'data differenti minn dik li ġiet imputata lilu. Irriżulta wkoll li ma saret ebda korrezzjoni tal-partikolaritajiet taż-żmien u ħin imputati fl-*

[2] Deċiża fis-26 ta' Ottubru 2016
[3] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Il-Pulizija vs. Andre' Falzon**, deċiża fid-19 ta' Novembru 2015.

*istadju debitu. Din għalhekk mhix kwistjoni ta' kunflitt bejn żewġt xhieda dwar id-data ta' meta twettaq ir-reat f'kuntest fejn iż-żewġt dati jkunu ġew koperti bil-parametri ta' żmien u ħin indikati fl-avviż. Dan ikun jista' jitqies bħala kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija fil-kors tas-smiegħ tax-xiehda u li jista' jkollu ċerti konsegwenzi fuq il-ġudizzju.*

*37. Il-każ odjern huwa tali li jindika, anke minn ċerti tweġibiet tal-parte civile stess, li l-partikolarita' taż-żmien indikata fl-avviż setgħet kienet żbaljata, jew almenu inċerta. Din ma ġietx b'xi mod korretta fl-istadju proċedurali debitu; u biex il-Qorti tkun ċara, din mhux dejjem tkun tort tal-Prosekuzzjoni. B'hekk ikun jirriżulta li l-prova dwar meta jkun ġie mwettaq ir-reat de quo ma tkunx koperta in kwantu tkun taqa' barra mill-parametri taż-żmien li fih il-Prosekuzzjoni tkun qegħda tixli lill-imputat.*

*38. F'dan il-każ jirriżulta li hemm element ta' konfużjoni dwar meta effettivament inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tar-residenza tal-konjuġi Falzon - konfużjoni li fil-kamp penali ma tistax timmilita favur sejbien ta' ħtija - in kwantu sabiex tinstab ħtija din tkun trid tistrieħ fuq provi sikuri u mhux provi inċerti jew konfużi.*

*....*

*45. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha sitwazzjoni fejn it-tibdil seta' seħħ fl-24 ta' Ottubru daqskemm fil-25 ta' Ottubru skont l-appellat jew inkella fis-26 ta' Ottubru daqskemm fis-27 ta' Ottubru skont il-parte civile. Din il-Qorti tistqarr li mhux l-ewwel darba li Qorti jkollha sitwazzjoni fejn mill-provi ma tkunx tirriżulta d-data preċiża ta' meta jkun seħħ l-ispoll anki għaliex f'każijiet ta' din in-natura, is-suġġett attiv tar-reat ikun normalment aġixxa bil-moħbi u għalhekk*

*ikun sussegwentement sar ir-rapport mal-Pulizija da parte tas-suġġett passiv tar-reat meta dan tal-aħħar effettivament ikun induna li jkun ġie hekk turbat fil-pussess tiegħu. Iżda, f'dan il-każ partikolari, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet marbuta bid-diċitura taċ-ċitazzjoni liema ċitazzjoni ndikat data preċiża u mhux żmien approssimattiv ta' meta effettivament seħħet ir-ragion fattasi. Dan ifisser illi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawżi John Mary Briffa, Rita Theuma u Warren Piscopo rispettivament, isib applikazzjoni f'dan il-każ.*

*46. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fl-appellat għal tibdil fis-serratura li seħħ nhar is-27 ta' Ottubru 2017 in kwantu jirriżulta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017 il-parte civile ndunat bit-tibdil imma mhux li fis-27 ta' Ottubru 2017 kien seħħ it-tibdil fis-serraturi.*

*47. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni għażlet li tintrabat esklussivament mad-data tas-27 t'Ottubru 2017; u fl-avviż ma saret ebda riferenza għal żmien qabel din id-data. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għaliex din il-Qorti tqis li r-reat ikkontemplat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantanja allavolja l-effetti tiegħu jaf ikunu ta' natura duratura jew permanenti.*

*.....*

*52. Dan ikun ifisser għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li tikkunsidra li l-azzjoni kif proposta mill-Prosekuzzjoni kontra Kurt Falzon ma setgħetx tirnexxi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta wkoll fir-raġunament tagħha li għalkemm jirriżultaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi li jsawru r-reat ta' ragion fattasi, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova*

*sodisfaċentement li dan twettaq fil-parametri temporali hekk ippreżentati fiċ-ċitazzjoni kontra l-imputat qua appellat. In oltre, ma jirriżultax li ntalbet xi korrezzjoni tal-imputazzjoni saż-żminijiet opportuni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li tillibera lill-imputat qua appellat."*[4]

Il-Qorti tinnota li la l-Prosekuzzjoni u lanqas il-parte civile ma talbu korrezzjoni fis-sena tal-akkuża minkejja li kellhom kull possibilita li huma jagħmlu dan. Il-Qorti għalhekk trid tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-akkuża kif formulata. Mill-provi prodotti jirriżulta biċ-ċar kif fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2024 u fil-ġranet ta' qabel ma seħħx dak lamentat mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-parte civile. L-allegati azzjonijiet spoljattivi kienu seħħew sena jew aktar qabel. Għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-akkużat fl-akkuża kif formulata.

Din il-Qorti tmur oltre. Anke li kieku għall-grazzja tal-argument, dan l-iżball kellu jitqies li kien sempliċi *lapsus calami* ta' min irrediega ċ-ċitazzjoni xorta hemm aspetti oħra li jimmillitaw kontra dikjarazzjoni ta' ħtija:

(i) fir-rapport oriġinali ingħad li l-aċċess għar-residenza matrimonjali kien ġie ostakolat fis-sbatax (17) ta' Jannar 2023, filwaqt li l-għamara ġiet allegatament imneħħija mill-fond matrimonjali mill-akkużat fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2023. Pero dawn id-dati saħansitra lanqas jikkombaċjaw max-xhieda tal-kwerelanti nfushom – filwaqt li Josephine Desira tafferma li l-għamara ġiet imneħħija mill-fond fis-sbatax (17) ta' Jannar 2023, Jessica Desira minn naħa l-oħra tindika d-data tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2023 bħala d-data li fiha sabu s-serratura tal-fond imblukkata. Din l-inkongruwenza bejn id-dikjarazzjonijiet tal-istess kwerelanti tqajjem dubji serji dwar l-affidabbilta' u l-konsistenza tal-verżjoni tagħhom tal-fatti;

---

[4] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi li ġew deċiżi similarment bl-applikazzjoni tal-insenjamenti supra, fosthom, **The Police vs. Mohammed Hussein Abdi**, deċiża fit-18 ta' Diċembru 2017, **Il-Pulizija vs. John Paul Azzopardi** deċiża fit-30 ta' Novembru 2017, **Il-Pulizija vs. John Tanti** deċiża fil-31 ta' Lulju 2019 u **Il-Pulizija vs. Jesmond Seguna** deċiża fil-11 ta' Mejju 2023.

(ii) għalkemm ingħad u ġie stabbilit li sar firroll fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieb prinċipali tad-dar matrimonjali u li dan il-firroll kien qiegħed jimblokka l-aċċess, jirriżulta li l-parte civile u bintha Jessica Desira dakinhar tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2023 xorta irnexxielhom jidħlu fid-dar tar-residenza u saħansitra jieħdu ritratti tal-kmamar vojta mingħajr għamara. Infatti fir-rapport tagħhom lill-Pulizija ingħad: *"Huma komplew jistqarrew li fid-data ta' dak ir-rapport [21 ta' Jannar 2023] kienu raw lill-istess Giovanni jgħabbi xi għamara mill-istess residenza, ġewwa vettura mdaqqsa* ***u hekk kif huma daħlu fil-fond in kwistjoni****, dawn sabuh kompletament vojt mill-għamara."*[5] Il-Qorti tqis li jekk verament kien hemm dan l-ostakolu biex il-parte civile tidħol f'darha, la kienet tidħol fl-istess residenza u wisq anqas tieħu r-ritratti li ippreżentat. Ma inġab l-ebda rappreżentant tal-Pulizija biex jikkonferma li dakinhar tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2023 il-parte civile effettivament kienu daħlu fir-residenza b'xi assistenza tal-Pulizija. Għalhekk il-Qorti għandha dubju dwar jekk verament kienx hemm ostakolu għall-parte civile fid-dati indikati minnha u minn bintha fir-rapport oriġinali sabiex jidħlu fid-dar matrimonjali;

(iii) għalkemm jirriżulta li tneħħiet xi għamara mid-dar tar-residenza tal-konjuġi Desira, din ma jidhirx li saret bl-intenzjoni speċifika li l-istess parte civile tiġi imċaħħda mill-pussess u mid-drittijiet li hija jista' jkollha fuq din l-għamara. Dan għaliex l-għamara inħarġet biss biex isir xogħol ta' żebgħa fl-istess residenza. Dan kif anke ikkonferma iben l-istess partijiet kif wkoll l-istess parte civile. Infatti ftit ġranet wara l-istess parte civile infurmat lill-Pulizija li hija riedet twaqqa' r-rapport propju għaliex l-għamara reġgħet ġiet imqiegħda fid-dar matrimonjali. Din il-ħaġa l-parte civile ikkonfermatha wkoll quddiem din il-Qorti. Jidher pero li kellha ripensament (jew wisq probabbli pressjoni mingħand persuni oħra) biex hija ma tagħmilx dan ħalli l-każ jispiċċa l-Qorti. F'dan kollu l-Qorti ma tarax l-element intenzjonali rikjest għall-fini tal-artikolu 85 tal-Kap. 9. L-att waħdu tat-tneħħija tal-għamara mingħajr l-element intenzjonali da parti tal-akkużat li huwa jċaħħad lill-parte civile mill-pussess tal-istess ma jistax jwassal għal dikjarazzjoni ta' ħtija;

---

[5] Fol. 6 tal-proċess. Enfażi tal-Qorti.

(iv) l-allegazzjoni tal-parte civile li mhuwiex minnu li l-għamara kollha ġiet ritornata, din il-Qorti lanqas m'hija propensa li taċċettaha. Dan għaliex jidher li tal-anqas l-kċina ma tneħħietx mill-akkużat iżda minn persuni oħra. Din il-kċina jidher wkoll li tneħħiet fi żmien meta l-istess akkużat kien qiegħed il-ħabs. Dan hekk kif ikkonferma x-xhud Karmenu Muscat li kien jaf liż-żewġ partijiet. Il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex temmen lil dan ix-xhud li ma jidhirx li b'xi mod huwa involut fil-gwerra qalila li għaddejja bejn il-partijiet.

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma tistax tasal sabiex tippronunċja ħtija fl-akkużat għall-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **<u>mhux qiegħda ssib lill-akkużat ħati tal-akkuża</u>** miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

Din il-Qorti tagħmilha ċara mal-akkużat li din is-sentenza m'hija bl-ebda mod qiegħda tintitolah jew tagħtih xi drittijiet esklussivi fuq id-dar matrimonjali u l-oġġetti ta' ġo fiha ad esklużjoni ta' martu l-parte civile. Id-dar matrimonjali u l-oġġetti ta' ġewwa fiha huma tal-parte civile daqs kemm huma tiegħu u l-akkużat ma jistax jippretendi xi drittijiet aktar minn dawk ta' martu fuq l-istess. Dan sal-punt sakemm il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tgħaddi sabiex tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tassenja lill-partijiet sehemhom mill-istess komunjoni hekk likwidata.

**Dr. Jean Paul Grech**
**Maġistrat**